# - SANTA MARIJA U SANT'ELENA -
## ŻEWĠ TITLI GĦAL *CAPPELLA* WAĦDA

minn SANDRO SCIBERRAS

Filwaqt li għal dawn l-aħħar 300 sena, id-distinzjoni bejn il-knejjes u l-parroċċi ta' Santa Marija u Sant'Elena kienu ċari u stabbiliti sew, dan mhux dejjem kien il-każ. Aktar ma mmorru lura fis-sekli ta' qabel il-ħakma tal-Ordni f'Malta, fl-era Medjevali, insibu li teżisti ftit tal-konfużjoni meta niġu biex nistabbilixxu d-dedikazzjoni oriġinali ta' l-ewwel *Cappella* (knisja b'funzjoni parrokkjali) ta' Birkirkara.

Ma nafux eżatt meta twaqqfu l-ewwel parroċċi ta' Malta, iżda nistgħu nistabbilixxu b'mod ċert li Birkirkara, flimkien ma' xi rħula oħra, żgur li kienu ġa saru parroċċi sa l-aħħar nofs tas-seklu 14. Dan nafuh minn dokument li jmur lura għal-1402, li permezz tiegħu, il-Papa Bonifaċju IX jaħtar lil *presbiter* Bernardus de Janer bħala *decanus* (Dekan) tal-Kapitlu ta' Malta. Id-Dekan ta' qablu, Simone de Siacca, kien miet u tul ħajtu kien kemm Dekan tal-Kapitlu Malti kif ukoll Dekan tal-*Cappella* ta' Birkirkara. Li jżomm żewġ uffiċċji mingħajr dispensa speċjali kien imur kontra il-Bolla Papali *Exerabilis* tal-Papa Ġwanni XXII[1]. Dan huwa l-ewwel dokument li jagħmel referenza diretta għall-parroċċi ġa eżistenti f'Malta.



Skultura ta' Sant' Elena fil-Knisja tagħna.

Dan l-istess dokument jirreferi għall-parroċċa ta' Birkirkara bħala *Capellam Sancte Helene alias Sancte Marie de Birchirchara* (Parroċċa ta' Santa Elena magħrufa ukoll bħala ta' Santa Marija ta' Birkirkara) u juri li diġà fl-1402, kienet teżisti ċerta diffikultà biex jiġi stabbilit lil min kienet iddedikata l-parroċċa ta' Birkirkara. Jidher li darba kienet teżisti knisja ddedikata lil Sant'Elena f'Tal-Għargħar, imsemmija bħala *ecclesia ruralis f'Arar* fiż-żjara Appostolika ta' Monsinjur Dusina fl-1575. Monsinjur Dusina jikteb ukoll li kien hemm l-għajdut li l-knisja Tal-Għargħar kienet xi darba parroċċa (*que alias dicitur fuisse parochialis ecclesia*)[2]. Ir-Rollo tal-1436 tal-Isqof Senatore De Mello kien ġie ordnat mill-Papa Ewgenju IV bħala elenku tad-dħul ekkleżjastiku (benefiċċji) li kienu jeżistu f'Malta. Fl-1436 sar dan l-elenku biex jara x'taxxi kellhom jitħallsu mill-Kanonċi tal-Katidral u minn dawk li kellhom f'idejhom xi benefiċċji jew xi ġid tal-Knisja. F'dan ir-Rollo, l-Isqof De Mello jirreferi għal

1 Luttrell, A., The Cappella of Birkirkara: 1402, in, Melita Historica. 8(1981) page 157

2 *Visitatio Dusina* (Copy C), f. 155, *Archiepiscopal* Curia, Valletta

*Cappella* ta' Birkirkara, b'popolazzjoni ta' 960 ruħ. Din il-parroċċa kienet tinkludi l-irħula ta' Birkirkara, Ħ'Attard, Ħal Lija, Ħal Balzan, Ħal Bordi, Ħal Mann u Ħal Kaprat[3]

Qabel l-1402, iċ-ċentru tal-parroċċa kien mexa mill-knisja ta' Sant'Elena f'Tal-Għargħar għall-knisja oħra ddedikata lil Santa Marija[4]. Jidher li din il-knisja żammet d-dedikazzjoni tagħha lil Santa Marija, iżda popolarment in-nies baqgħu jikkunsidraw lil Sant'Elena bħala patruna tagħhom. Din il-knisja parrokkjali ġdida, mibnija fuq in-naħa l-oħra tal-wied, probabilment qabel l-1402, kellha apside ġej għat-tond, li parti minnu għadha tidher wara l-altar mejda fil-knisja preżenti. Meta nbniet il-knisja tagħna, din il-knisja Medjevali twaqqghet.

Sa l-1544, il-parroċċa ta' Birkirkara kienet għadha tiġi deskritta bħala *parochiali ecclesia Sancte Marie seu Helene de Birchirchara* (knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Marija jew Sant'Elena ta' Birkirkara)[5].

Meta mbagħad bdiet tinbena l-knisja preżenti fil-bidu tas-seklu 17, il-parroċċa giet definittivament iddedikata lil Santa Marija, bi skultura ta' Sant' Elena fis-saqaf fuqil-presbiterju. Fil-knisja ta' Sant' Elena, li nbniet f'nofs is-seklu 18, tpoġġa inkwatru tal-Assunta li jfakkar is-Sede oriġinali fejn ġiet imwaqqfa l-Kolleġġjata ta' Birkirkara fl-1630.

3 Ir-Rollo ta' l-Isqof Senatore De Mello-1436 (http://www.kappellimaltin.com/html/ir-rollo_tal-1436.html)

4 Buhagiar, M., Medieval Churches in Malta., in Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights, 1975, The British School at Rome, London, page 175

5 Ibid. Luttrell wara G. Wettinger., Valletta, Notarial Archives, Reg. R. 376/9 (Nutar Giuliano Muscat), f. 710v-711v.

